# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 - IT-TLIETA 22 TA' LULJU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Qabel ma l-Kunsill ġie biex jikkunsidra l-minuti, is-SE informa li l-Kunsillier Joe Grech kien imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Pauline Miceli kienet infurmatu li se tittardja.

1.2. Fuq proposta tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li l-kelma 'Kunsill' mill-aħħar sentenza ta' para. 2.2 tinbidel għal 'Bord'.

1.3. Fuq proposta tal-Kunsillier Catania il-kelma 'strippi' mit-tielet sentenza tal-para 2.10 tinbidel għal 'strixxi'.

1.4. Il-minuti imbagħad ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.5. Il-Kunsillier Sciberras talab li d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill u inkluża f'para. 2.14 tiġi implimentata kemm jista' jkun malajr. Din il-materja kompliet tiġi diskussa u għalhekk sar qbil li, minbarra l-marki *SLOW* għandhom ikunu mpoġġija marki jew tabelli ta' 35km.

1.6. Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk kienx hemm xi reazzjoni min-naħa tal-Awtorità tad-Djar (para. 2.7). Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienu ghadhom ma taw l-ebda risposta.

1.7. F'dan l-istadju l-Kunsillier Catania esprima li l-formola tal-applikazzjoni kienet 'iebsa' wisq u ħass li intalbet wisq informazzjoni.

1.8. Il-Kunsillier Anthony Grech staqsa dwar para. 2.10 dwar ix-xibka tal-grawnd. Is-SE informa li kien għadu ma sar xejn.

## 2. KOMMUNIKAZZJONIJIET

2.1. Is-Sindku infurmat li kienet għaddejja komunikazzjoni mal-Kunsill ta' Mornago fl-Italja dwar il-possibiltà ta' ġemellagg. Hija għalhekk infurmat li se jkun meħtieġ li hija u s-SE iżuru l-post. Madanakollu jista' jkun li ma jkunx possibli li jilħaq ikun infurmat il-Kunsill minn qabel u għalhekk il-Kunsill approva unanimament li għandhom jipproċedu anki jekk ma jilħaqx jitlaqqa' l-Kunsill.

2.2. Is-SE informa li l-ordni għas-CCTV's kienet saret u kien mistenni li jibda x-xogħol tal-installazzjoni fil-ġranet li ġejjin.

2.3. Il-Viċi-Sindku infurmat li kienet innutat ġest nobbli mill-Pulizija tal-għassa meta tellgħu ċint li jdawwar iż-żona tal-pompa tal-petrol u li kien intlaqat u twaqqa'. Hija pproponiet li għandu jsir ringrazzjament uffiċċjali.

2.4. Is-SE informa li l-ktejjeb tal-mixjiet se jkun imniedi l-Ħamis 24 ta' Lulju 2008 fejn se jattendi wkoll is-Segretarju Parlamentari l-Onor Dr Mario Demarco.

2.5. Is-SE informa li kien se jibda x-xogħol tal-verifika tal-finanzi.

2.6. Is-Sindku infurmat li kienet ġiet avviċinata miċ-Ċentru Pastorali ta' San Pawl tat-Tarġa biex jorganizzaw attività mal-Kunsill li aktarx tkun lejla kulturali. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa bi sħab filwaqt li kollaborazzjoni simili għandha tkun ikkunsidrata wkoll jekk tintalab minn żoni pastorali oħra fin-Naxxar. Il-Kunsill qabel li għandu joffri 50% tal-ispejjeż jew €700, liema waħda tkun l-irħas. Il-Viċi-Sindku pproponiet li, possibilment, għandu jitpoġġa bord b'informazzjoni dwar il-Kunsill.

2.7. Kien hemm qbil li l-Kunsill jorganizza l-attività li soltu jagħmel ghall-anzjani tad-Dar Sagra Familja li tinkludi l-ikel.

2.8. Il-Viċi-Sindku infurmat li se tibda tlaqqa' sotto-kumitat biex tkun organizzata l-Wirja ta' Novembru.

2.9. Il-Viċi-Sindku infurmat li kien hemm bozza maqtuha ħdejn il-MUSEUM.

2.10. Il-Viċi-Sindku infurmat li għadha qed tistenna l-lista ta' bozoz mingħand George Muscat.

## 3. IL-PROĠETT TAL-BANDLI

3.1. Is-SE informa li, b'riferenza għad-deċiżjoni meħuda aktar qabel, meta mar fuq il-post jiċċekkja jekk numru ta' strutturi joqgħodux fl-ispazju li fadal, sab li m'hemmx biżżejjed spazju u għalhekk il-Kunsill qabel li jżid biss żewġ strutturi fuq il-molla għal tfal iż-żgħar.

3.2. Is-SE ippreżenta abbozz ta' avviż li kien qiegħed jissuġerixxi li jitwaħħal fid-daħliet tal-bandli. Il-Kunsill qabel li l-kliem fuq dan l-avviz ikun kif anness f'A.

3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jibda bil-proċess tal-bini tal-latrini skont il-pjanta li kien ħejja l-perit.

3.4. Il-Kunsill staqsa dwar meta kienu se jaslu l-bankijiet. Is-SE informa li kien tkellem mas-*supplier* iżda dan wieġbu li kien għadu m'ordnahomx minħabba li għad ma kellux biżżejjed ordnijiet. Il-Kunsill talab li ssir insistenza miegħu biex ifittex jipprovdihom.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET

4.1. Il-lista ta' kontijiet ġiet approvata kif annessa f'B.

4.2. Sadanittant, fuq proposta tal-Kunsillier Anthony Grech kien hemm qbil li jiġu stampati *Visiting Cards* ġodda li jinkludu wiċċ il-Kunsillieri.

## 5. IL-BAĠIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN

5.1. Il-Kunsill approva l-baġit u l-Pjan kif ippreżentati. Is-SE informa li kellu jħalli proviżjoni ta' madwar €70,000 għall-proġetti li applika tal-Unjoni Ewropea taħt il-programmi tal-ESF.

## 6. OFFERTI GĦALL-GWARDJAN GĦALL-GRAWND TAL-FUTBOL

6.1. Is-SE informa li l-unika offerta kienet ta' Jurgen Attard għall-prezz ta' €7.80 s-siegħa. Il-Kunsill qabel li għandu jagħtih l-offerta.

6.2. Sadanittant kien diskuss in-nuqqas ta' servizz ta' *works officer*. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jkun diskuss bejn is-SE u l-Kunsillier Sciberras biex jesploraw il-possibilità li joffru xogħol simili lis-Sur Jurgen Attard. Il-Kunsill qabel li kif jaqblu bejniethom għandhom jipproċedu.

## 7. PREMJU ĠIEĦ IN-NAXXAR

7.1. Is-SE qara l-lista ta' ismijiet proposti għall-ġieħ in-Naxxar li kienu:

7.1.1. Is-Sur Saviour Abela

7.1.2. Is-Sur Joseph Agius

7.1.3. Is-Sur Harry Alden H.Q.R.

7.1.4. Is-Sur Anthony Catania

7.1.5. Is-Sur Christopher Muscat

7.2. Il-Kunsillier Catania talab li jkun skużat minħabba li ħass li kellu konflitt ta' interess.

7.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Ġieħ għandu jingħata lis-Sur Anthony Catania.

7.4. Fuq proposta tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li, possibilment, fil-Kuntatt li joħroġ għall-ħabta ta' Mejju ta' kull sena, għandu jkun hemm avviż biex iħeġġeġ lill-pubbliku biex jinnomina persuni għal dan il-Ġieħ.

## 8. IL-KUNTATT

8.1. Is-SE talab lill-Kunsillieri biex ifittxu jgħaddulu l-messaġġ għall-Kuntatt li se jkun ippublikat għal żmien il-Festa tal-Vitorja.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha f'11:50pm.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**A**

**Kunsill Lokali Naxxar**
**Ġnien Toni Vella**

- Din iż-żona tal-logħob hija intenzjonata għall-użu ta' tfal ta' taħt it-tlettax-il sena.
- It-tfal għandhom ikunu akkumpanjati minn adulti responsabbli f'kull ħin speċjalment waqt l-użu ta' l-apparat tal-logħob.
- Min qed jakkumpanja lit-tfal għandu jaċċerta li dawn ma jużawx apparat intiż għal tfal ikbar fl-età.
- F'każ ta' xi aċċident jew ħsarat irrapporta l-Kunsill Lokali waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju jew l-Għassa tal-Pulizija.
- Għal raġunijiet ta' saħħa pubblika ma jistgħux jiddaħħlu klieb f'dan il-post.
- Mhux permess li jinstaqu roti, roller blades, roller skates u skate boards f'dan il-post.
- Mhux permess logħob bil-ballun.
- Mhux permess dħul bejn il-11pm u s-7am
- Mhux permess xorb ta' alkohol.
- Mhux permess tipjip.

*Grazzi talli qed tgħinna nżommu dan il-post fi stat tajjeb.*

B

**Lista ta' ħlasijiet imressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tat-22 ta' Lulju 2008**

| ***Account code*** | ***Account Name*** | ***Amount €*** | ***Description*** | ***Nom code*** |
|---|---|---|---|---|
| AGIUS.P | Philip Agius & Sons | 684.4 | Repairs Cesspit Triq iz-Zonqor | 2310 |
| MICAMED | MICA MED Ltd | 316.09 | Repairs on christmas decoration meter box | 3065 |
| MICAMED | MICA MED Ltd | 700.91 | Supply, fix, install 3 phase | 3065 |
| MICAMED | MICA MED Ltd | 650.78 | Str lighting decorative poles repairs | 3065 |
| MICAMED | MICA MED Ltd | 4464.03 | Gnien Toni Vella - Wiring & Inst. Lamps | 7503 |
| MICAMED | MICA MED Ltd | 5142.05 | Gnien l-Imhalla Inst. water pump, etc | 2310 |
| CENTRA | CENTRAL ASPHALT LTD | 2460.05 | Concrete for pavements | 2314 |
| CENTRA | CENTRAL ASPHALT LTD | 6539.35 | Resurfacing Triq il-Langas | 7501 |
| CENTRA | CENTRAL ASPHALT LTD | 470.04 | Concrete to Bahar ic-Caghaq | 2314 |
| POLIDANO | Polidano Brothers Ltd | 1588.94 | Extensive patching at Triq San Pawl | 2311 |
| POLIDANO | Polidano Brothers Ltd | 4389.95 | Extensive patching Triq il-Fortizza | 2311 |
| ELC | Environmental Landscapes Consortium Ltd | 3365.46 | Contract Jun08 | 3061 |
| PUBCLE | CLEANSING SERVICES DEPARTMENT | 230.52 | February 2008. Materials & Supplies | 3051 |
| DINL-ART | Din L-Art Helwa | 1607.7 | Naxxar Walks-Printing of Booklet | 2960 |
| MALLIA.M | Mario Mallia | 1271.2 | Paint Street markings | 2312 |
| BITMAC | BITMAC LTD | 372.57 | Patching material & Coated stones May08 | 2311 |
| BITMAC | BITMAC LTD | 334.26 | Patching material - 10 bags | 2311 |
| MALTACOM | GO plc | 126.92 | 21416341/21423327 Charges Jun08 | 2160 |
| MALTACOM | GO plc | 31.15 | 21416341/21423327 Rent Jul 08 | 2150 |
| MALTACOM | GO plc | 8.08 | 21416363 Charges Jun08 | 2160 |
| MALTACOM | GO plc | 15.58 | 21417224 Rent Jul08 | 2150 |
| MALTACOM | GO plc | 319.77 | 21417224 Charges Jun 08 | 2160 |
| MALTACOM | GO plc | 15.58 | 21416363 Rent Jul 08 | 2150 |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 75.17 | Street lighting Job no 269 | 3065 |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 24.79 | Str lighting W239-Job 266 | 3065 |
| GALEA | Galea Curmi Engineering Consultants | 272.54 | Contract Mgt fee Jun08 | 3065 |
| CALAMATT | Calamatta Lanscapes Ltd | 236 | Ciotolas with plants and seasonals x4 | 3061 |
| ENEMALTA | Enemalta Corporation | 233 | Updating database/Demarcation exp for 2008 | 3065 |
| CSD | CSD Office Trade | 196.9 | A3 & A4 Copy paper | 2620 |
| GRACECAM | Grace Camilleri | 130.88 | Library Services Jun08 | 2995 |
| PACEJOHN | John Pace | 93.22 | 2 fire extinguishers CO2 | 7210 |
| PACEJOHN | John Pace | 24.78 | Maintenance to existing extinguishers | 2370 |
| GMTD | GMTD Law Firm | 109.98 | Retainer Jun 08 | 3140 |
| ARCHWA | ARCHWAY IRONMONGERY | 91.05 | Various items - general repairs | 2370 |
| IMPRESS | IMPRESSIONS | 79.06 | Printing Business Cards | 2610 |
| YORKDA | YORKDALE STATIONERY | 66.85 | Newspapers Jun08 | 2970 |
| UNIONPRE | Union Press Co Ltd | 61.8 | Advert 2/9 B&W | 2940 |
| MELITA | Melita Cable | 23.28 | Hello Service Jun 08 | 2160 |
| ECOPURE | ECO PURE | 20.97 | Water Jun 08 | 3340 |
| TA'XBIEX | Ta' Xbiex Local Council | 11.5 | Books | 2995 |

***Nota: Fil-każ ta' Polidano il-ħlas għandu jsir mhux qabel l-aħħar ta' Awissu.***